

Brussell, 5 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8756/26

AGRI 329
ENV 433

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti fl-UE – Appoġġ lill-bdiewa u promozzjoni ta' sistemi tal-ikel reżiljenti - Skambju ta' fehmiet

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tas-26 ta' Mejju 2026, id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dokument ta' informazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti fl-UE – Appoġġ lill-bdiewa u promozzjoni ta' sistemi tal-ikel reżiljenti

Wara l-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi tal-enerġija u l-invażjoni Russa tal-Ukrajna, f'Novembru 2022 il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni intitolata "L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti"¹. Il-komunikazzjoni kienet tinkludi għadd ta' miżuri biex jiġu diversifikati s-sorsi tal-UE ta' fertilizzanti importati, tiġi appoġġata l-produzzjoni tal-fertilizzanti fl-UE, jiġu ffaċilitati l-produzzjoni u l-użu ta' alternattivi għall-fertilizzanti kimiċi u jiġi promoss l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-produzzjoni tal-fertilizzanti. Fil-laqgħa tal-Kunsill AGRIFISH ta' Novembru 2022, id-delegazzjonijiet ġeneralment laqgħu l-Komunikazzjoni, filwaqt li appellaw lill-Kummissjoni biex tesplora aktar azzjonijiet u inizjattivi dwar din il-kwistjoni.

Is-sitwazzjoni attwali fil-Lvant Nofsani kompliet iżżid l-urġenza li jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mid-dipendenza enerġetika tal-UE u t-tfixkil kontinwu fil-ktajjen tal-provvista dinjija, li jeżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-kostijiet tal-input, l-introjt tal-bdiewa u l-prezzijiet tal-ikel tal-UE mal-Unjoni kollha. Il-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni "AccelerateEU - Unjoni tal-Enerġija Enerġija Affordabbli u Sigura permezz ta' Azzjoni Aċċelerata"² tenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu intensifikati l-azzjonijiet li ser iwasslu għal aktar awtonomija u produzzjoni ta' enerġija nadifa fl-UE u dipendenza mnaqqsa fuq sorsi esterni ta' enerġija mhux rinnovabbli. Kostijiet tal-enerġija dejjem ogħla jillimitaw il-kapaċità ta' produzzjoni tal-fertilizzanti kimiċi tal-UE minħabba dipendenza għalja tal-industrija tal-fertilizzanti tal-UE fuq l-użu tal-enerġija. Fl-istess ħin, il-fertilizzanti importati huma milquta mill-prezzijiet għoljin attwali u t-tfixkil fil-katina tal-provvista li jżidu l-kostijiet, u dan ikompli jaggrava s-sitwazzjoni. Is-sitwazzjoni attwali turi li s-swieq tal-fertilizzanti għadhom vulnerabbli.

¹ ST 14613/1/22 REV 1

² ST 8482/26 + ADD1

F'dan il-kuntest, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti reġgħu lura fuq l-aġenda tal-politika agrikola. Bil-ħsieb tal-Komunikazzjoni li jmiss dwar pjan ta' azzjoni għall-fertilizzanti, il-ħtieġa li jiġu avvanzati miżuri fuq terminu qasir, medju u twil biex tittejjeb l-awtonomija strateġika tal-UE fl-użu tal-fertilizzanti saret aktar importanti. Tali miżuri għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw lill-bdiewa, jippromwovu sistemi tal-ikel reżiljenti u jissalvagwardaw l-affordabbiltà tal-ikel għall-konsumaturi. F'dan il-kuntest, il-Presidenza tistieden lill-ministri jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Il-miżuri rakkomandati fil-Komunikazzjoni tal-2022 dwar l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti għadhom validi? X'miżuri addizzjonali jew alternattivi tqisu meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi fuq terminu qasir, medju u twil fil-kuntest tar-restrizzjonijiet ġeopolitiċi u lokali attwali?
- Filwaqt li jitqiesu l-isfidi addizzjonali relatati mal-produzzjoni, l-użu u l-provvista tal-fertilizzanti fl-UE, kif nistgħu niżguraw ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur tal-biedja u tas-sistemi tal-ikel fl-UE?
